MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 467/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Spiteri (bin Nazzareno u Catherine Dalli, imwieled fl-10 ta' Settembru 1976, detentur tal-karta tal-identita` nru 445876M) talli nhar it-30 ta' Dicembru 2008 hebb kontra l-persuna ta' bintu C billi sawwatha f'wiccha u rasha u kkagunalha griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha kif iccertifikat mit-Tabib Dott. Satya Brata Das tal-*Health Centre* tal-Floriana;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Dicembru 2009, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Charles Spiteri hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u

qeghditu taht Ordni ta' *Probation* (skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446) ghall-periodu ta' sena bil-htigiet annessi mal-istess Ordni kif jidhru a fol. 16 u 17 tal-atti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Spiteri, minnu pprezentat fil-11 ta' Dicembru 2009, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghat il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010; ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant hu li l-ewwel qorti, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, ma setghetx issibu hati kif effettivament sabitu. Hu jghid li kullma ghamel kien li, biex ma jhallix lit-tifla taghmillu hsara fin-nuccali, semplicement imbottaha ftit u din, accidentalment, habtet rasha.

Wara li din il-Qorti semghet kemm lill-mart l-appellant kif ukoll lill-istess appellant jiddeponu, hija ma tara ebda ragunni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-Qorti Inferjuri dwar il-htija tal-istess appellant.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li kopja ta' din is-sentenza, flimkien ma' kopja tal-Ordni ta' *Probation* li jidher a fol 16 u 17 tal-atti, jigu komunikati minnufih lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*, partikolarment in vista' tal-htiega li l-Ufficjal tal-*Probation* jirraporta darba kull tlett xhur lill-Qorti Inferjuri (kundizzjoni nru 3).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------